MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tal-5 ta' April, 2006

Appell Civili Numru. 17/2005

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**vs**

**Sharon Briffa**

**Il-Qorti,**

Fir-rikors tieghu lill-Qorti ta' Revizjoni ta' l-Atti Nutarili d-Direttur tar-Registru Pubbliku beda biex ippremetta s-segwenti:-

"Illi fil-25 ta' Jannar 2005 twieldet it-tarbija bl-isem ta' Shayzel Lee.

Illi omm it-tarbija Sharon Briffa li ghandha n-numru tal-karta ta' l-Identita 0546680(M) fit-28 ta' April 2005 marret fid-Dipartiment tar-Registrazzjoni Civili biex taghti notifikazzjoni tat-twelid tat-tarbija taghha.

Illi jirrizulta mir-Registri tar-Registru Pubbliku illi Sharon Briffa zzewwget lil Lhoucine Boubaghor li ghandu passaport Marokkin bin-numru G397658 fid-19 ta' Lulju 2001 u dana skond l-Att taz-Zwieg bin-numru progressiv ta' iskrizzjoni 1131 tas-sena 2001 li hu mar-rikors anness u mmarkat bhala Dok 'A' u ma jirrizulta l-ebda annotazzjoni f' dan l-imsemmi Att illi l-partijiet isseparaw legalment jew ottenew divorzju jew annullament fit-termini stipulati fl-Artikolu 280 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi fir-rigward dwar id-dettalji ta' missier it-tarbija Sharon Briffa ipprezentat dikjarazzjonijiet guramentati ai termini ta' l-Artikolu 280 (2) (a) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta skond id-dokument anness mar-rikors u mmarkat bhala Dok 'B' u a bazi ta' dan l-istess dokument taht il-kolonna li tindika d-dettalji dwar il-missier naturali hija ddikjarat li huwa *"missier mhux maghruf*".

Illi mill-verifiki ii ghamel d-Direttur tar-Registru Pubbliku, irrizultalu illi l-imsemmi Lhoucine Boubaghor kien prezenti f' dawn il-gzejjer matul il-perijodu ta' tlett mitt gurnata qabel it-twelid tat-tarbija stante illi effettivament kien huwa stess li ta notifikazzjoni ohra lill-esponent precisament f'dan il-perijodu.

Illi l-esponent jirrileva illi stante illi l-fatti mhumiex kif qed jigu dikjarati minn Sharon Briffa u iz-zewg xhieda l-ohra l-minuri f' dawn ic-cirkostanzi ma jistax jigi registrat taht *"missier mhux maghruf"*."

Fermi dawn il-premessi huwa ghadda biex talab lil dik il-Qorti biex din (1) taghti l-awtorizzazzjoni biex l-esponent id-Direttur tar-Registru Pubbliku jirrifjuta li jirregistra l-Att tat-Twelid in kwistjoni redatt skond l-informazzjoni zbaljata moghtija mill-intimata, u (2) tordna lill-intimata biex tinnotifika t-twelid tat-tarbija taghha ai termini ta' l-Artikolu 280 (1) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bil-provvediment moghti fl-24 ta’ Marzu 2005 dik il-Qorti cahdet it-talba tad-Direttur bil-motivazzjoni illi d-domandi lilha sottomessi ma kienux jaqghu fil-kompetenza taghha;

Id-Direttur hassu aggravat bil-provvediment hekk moghti u minnu interpona appell lil dina l-Qorti ghar-revoka tieghu. Hu jilmenta illi l-Qorti ta’ Revizjoni ta’ l-Atti Nutarili ghamlet applikazzjoni hazina tal-ligi. Dan fuq l-assunt illi t-talba tieghu lil dik il-Qorti kienet tirrientra fil-parametri ta’ l-Artikolu 253 (1) tal-Kodici Civili, konsiderat unitament ma’ l-Artikolu 110 (1) tal-Kapitolu 55, ossija l-Att dwar il-Professjoni Nutarili u Arkivji Nutarili;

Ghall-ahjar kjarezza u rizoluzzjoni tal-punt devolut forsi ma jkunx ghal kollox inopportun illi din il-Qorti tirrivizita dawk id-disposizzjonijiet li jghoddu taht it-Titolu VIII tal-Kodici Civili intitolat “Fuq l-Atti ta’ l-Istat Civili”, in partikulari dawk li jirrigwardaw l-Att tat-Twelid;

L-Artikoli 272 *et sequitur* tal-Kodici Civili jipprovdu ghall-avviz u l-modalita` tieghu li ghandu jinghata fl-okkazjoni tat-twelid ta’ tarbija lill-ufficcjal inkarigat bid-dmir li jikteb l-att okkorrenti fuq il-formula “C” preskritta skond it-Taqsima II ta’ l-iskeda ta’ l-istess Kodici. Att dan li fih ghandhom ikunu indikati l-partikularijiet prefissi fl-Artikolu 278 u taht il-firma tal-persuna li tkun ghamlithom u ta’ l-ufficcjal inkarigat [Artikolu 282 (1)]. Huwa dan l-att li jigi pprezentat mill-ufficcjal lid-Direttur ghar-registrazzjoni tieghu (Artikolu 288);

Precizati dawn id-dettalji stabbiliti minn normi specjali applikabbli ghall-att tat-twelid, insibu fid-disposizzjonijiet generali applikabbli ghall-atti kollha illi d-Direttur, ex-Artikolu 242 (1), m’ ghandu jircievi ebda att intiz ghar-registrazzjoni li ma jkunx miktub car u li jinqara jew li jkun fih kliem imqassar, jew li jidhirlu li jkun nieqes minn xi haga jew mhux regolari. Wiehed ragonevolment jifhem li l-uzu tal-kelma “regolari” fit-test tal-ligi ghandu jkollu s-

sinifikat wiesgha li jikkomprendi wkoll il-verifika dwar il-veracita` tad-dikjarazzjonijiet fl-att kontenuti, u mhux biss is-semplici irregolaritajiet fit-traskrizzjoni tieghu;

Jikkonsegwi minn din l-interpretazzjoni illi d-Direttur hu tenut jikkontrolla l-legalita` ta' l-att li jircievi u, in partikulari, li jistharreg u jistabilixxi li dan ma jikkontrastax ma' atti ohra gja iskritti. Dan hu bil-wisq naturali u logiku fil-hsieb tal-Qorti in kwantu att ta' l-istat civili ghandu karattru awtoritattiv u ghalhekk jimponi ruhu kemm fir-rigward ta' l-interessat, kemm *vis-à-vis* it-terzi u sahansitra di fronte ghall-awtorita` pubblika, sakemm s' intendi ma tigix esperita b' success azzjoni ta' kontestazzjoni dwaru;

Ciononostante, il-ligi ma thallix dan il-kontroll fil-poter esklussiv tad-Direttur. Hi, anzi, tobbliga lil dan biex igib l-att li hu ma jkunx irid jircievi quddiem wiehed mill-Vizitaturi ta' l-attijiet nutarili biex, kif jinghad fis-subinciz (2) ta' l-Artikolu 242, dan, "wara li jisma', jekk ikun mehtieg lill-persuna li tkun ghamlet dak l-att, jiddeciedi kif, skond il-ligi, l-att ghandu jigi maghmul". Maghdud dan, il-ligi hi, imbaghad, siekta dwar il-formalita` ta' kif l-att u r-rifjut dwaru ghandhom jingiebu mid-Direttur ghall-attenzjoni tal-Vizitatur;

Opportunement hawnhekk, jokkorri li ssir parentesi zghira anke biex wiehed ikollu kwadru komplet tal-materja ezaminata. Jidher ghall-effetti tal-ligi, ex-Artikolu 110 tal-Kapitolu 55, illi l-Vizitaturi huma membri ta' qorti specjali li lilhom hu konferit ir-rwol ta' sorveljanza generali, u ta' dixxiplina fejn jokkori, fuq in-Nutara, l-Arkivji Nutarili u r-Registru Pubbliku [subinciz (1) tal-precitat Artikolu 110, u Artikolu 261 tal-Kodici Civili]. Huma vestiti wkoll bl-attribuzzjoni li jordnaw korrezzjonijiet ta' registrazzjoni ta' l-atti riferenzjati fit-Taqsima III ta' l-Iskeda mahsuba fil-Kodici Civili [Artikolu 257 (1)], fuq rikors prezentat quddiemhom [Artikolu 257 (2)]. Inoltre, ghandhom il-funzjoni gja surreferita fil-kaz prevvist fl-Artikolu 242 (2). Minn dan li nghad, dawk l-atti li jirrikjedu d-

determinazzjoni u s-soluzzjoni taghhom, ghandhom, b' necessita processwali u pubblicistika, jiehdu l-forma *in iscritto.* Dan anke fil-kaz kontemplat fl-Artikolu 242 (2), ampjament riferit f' din is-sentenza;

Dan premess, hi x' inhi l-prattika adottata, hi haga certa li l-Artikolu 253 (1), Kodici Civili li fuqu d-Direttur jikkampa l-aggravju tieghu ma jiccentra assolutament bl-ebda mod. Korrettement intiz, dan il-provvediment tal-ligi jikkontempla proceduri mhux mid-Direttur imma kontra tieghu bhala l-parti avversa li jippreciza s-subinciz (4) tal-precitat artikolu. Ghal dak li jikkoncerna r-rifjut mid-Direttur tar-ricezzjoni ta' xi att, l-imsemmi provvediment jippresupponi illi dak ir-rifjut prevvist mill-Artikolu 242 (1) ikun diga akkonsentit mill-Vizitatur fit-termini tas-subinciz (2) ta' l-istess Artikolu 242. Minn dan jitnissel illi b' dak id-dispost tal-ligi [Artikolu 253 (1)] mhux moghti lid-Direttur ebda fakolta "*di agire*" imma, se mai, "*di contraddire*" fil-procediment istitwit kontrih minn "kull persuna" bil-forma tac-citazzjoni. Huwa ghalhekk lecitu li jinghad illi t-talba tad-Direttur, bhal dik proposta minnu quddiem il-Qorti ta' Revizjoni ta' l-Att Nutarili, ma tinkwadrax ruhha fl-isfera ta' kompetenza ta' dik il-Qorti bis-sahha ta' l-Artikolu 253 (1) tal-Kodici Civili. Minn din l-ottika l-aggravju, kif koncepit, ma jistax jirnexxi, ghallanqas fuq dik il-bazi;

Inversament, il-Qorti ssib aktar sens li t-talba tad-Direttur appellant lill-Qorti adita kienet fil-kuntest tar-rikors promotur tieghu lil dik il-Qorti, taqa' fl-ambitu ta' l-Artikolu 242 (2). Li jfisser allura fil-kompetenza tal-Vizitatur billi dan jindaga u jiddeciedi jekk id-Direttur kellux raguni li jirrifjuta li jircievi l-att tat-twelid tat-tarbija u jipproponi wkoll kif l-istess att kellu jigi talvolta modifikat. Xoghol ritwali dan li b' din is-sentenza ser jithalla impregudikat ghall-investigazzjoni fil-meritu mill-Vizitatur li lilu jikkompeti. Gjaladarba b' din il-premessa din il-Qorti ta' revizjoni qed tistabilixxi li l-materja kienet taqa' fil-gurisdizzjoni u kompetenza tal-Qorti adita mid-Direttur appellanti, huwa l-kaz li l-provvediment moghti minn dik il-Qorti jigi mwarrab.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell, anke jekk issa fuq konsiderazzjonijiet diversi minn dawk proposti, u konsegwentement thassar u tirrevoka l-provvediment moghti mill-Qorti ta' Revizjoni ta' l-Atti Nutarili. Tirrimetti l-atti lura lil dik il-Qorti ghat-trattazzjoni u decizjoni fil-meritu. Finalment, l-ispejjez ta' din il-procedura jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------